MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1259/2011

Il-Pulizija
(Sp Robert Said Sarreo)
vs
Rodney Fenech, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Di`embru, 1984, karta ta’ l-identita numru 42785(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-3 ta’ Awwissu, 2009 u fil-ġimgħat ta’ qabel din id-data ġewwa Ħaż-Żabbar u ġewwa dawn il-Gżejjer, b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża ta’ xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’

€275.48 għad-dannu tal-Bank of Valletta u/jew persuni jew entitajiet oħra;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra s-somma ta’ €275.48 liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-dannu tal-Bank of Valletta u/jew persuni jew entitajiet oħra;
3. talli sar reċidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Mejju, 2012 fejn l-imputat ammetta t-tieni u it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Ottubru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas is-somma ta’ €275.48 lill-Bank of Valletta fis-26 ta’ Settembru, 2012.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tat-tieni u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 293 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------